*Knisja 2000*

Vol. 26: n.109 (2014), 45-63

# Il-ħajja eterna fit-tagħlim tal-Knisja Kattolika

Dun Hector Scerri

It-tagħlim tal-Knisja Kattolika dwar il-ħajja ta' dejjem huwa miġbur f'wieħed u erbgħin paragrafu (1020 sa 1060) tal-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* (1992). F'dawn il-paragrafi nsibu sintesi tajba tal-aspetti prinċipali marbutin mat-tnax-il artiklu tal-Kredu tal-Appostli, meta nistqarru "***Nemmen fil-ħajja ta' dejjem***". Aħna u naqraw u nistudjaw dawn il-paragrafi malajr nintebħu bl-għana ta' dan it-tagħlim tal-Knisja Kattolika. Din is-sintesi li jagħtina l-*Katekiżmu* toffrilna l-pedament bibliku, kif ukoll referenzi mill-aktar utli għad-dokumenti tal-Maġisteru li minn żmien għal żmien ħass il-ħtieġa li jippronunzja ruħu fuq aspett jew ieħor ta' dan is-suġġett, meta kien meħtieġ.

Materjal ieħor ta' interess dwar il-ħajja ta' dejjem kien ippubblikat mill-Kummissjoni Teoloġika Internazzjonali fl-1992 meta din ħarġet dokument twil dwar xi aspetti marbutin mal-eskatoloġija (*Some current questions in Eschatology*). Dan id-dokument deher ftit tax-xhur biss qabel il-pubblikazzjoni tal-*Katekiżmu* (minn issa 'l quddiem ir-referenzi għalih fit-test se jkunu indikati fil-qosor bl-ittri *KKK*). Dwar l-istess suġġett, wieħed ukoll ta' min isemmi erba' diskorsi li kien għamel il-Papa San Ġwanni Pawlu II fis-sajf tal-1999, waqt l-Udjenzi Ġenerali ta' nhar ta' Erbgħa. Aktar tard, insibu xi referenzi interessanti fil-Maġisteru ta' Papa Beneditttu XVI fl-2007 u f'xi diskorsi riċenti ta' Papa Franġisku.

Id-dħul fil-ħajja ta' dejjem iseħħ fil-mument tal-mewt tagħna. Ilkoll nafu li għandna mmutu, u f'dak il-mument solenni u importanti, aħna niltaqgħu mal-Mulej. In-nisrani jagħmel il-qalb meta jiftakar li f'dak il-mument inevitabbli huwa jgħaqqad il-mewt tiegħu mal-mewt ta' Kristu li huwa rebbieħ fuq il-mewt. Il-kliem li s-saċerdot jitlob waqt it-Tieni Talba Ewkaristika jfakkarna f'dan: "Ftakar fil-qaddej tiegħek N., li

għoġbok issejjaħlu għal għandek minn din id-dinja: agħmel li, kif hu, bil-magħmudija, miet f'Ibnek u bħal Ibnek, *hekk ukoll f'Ibnek u bħal Ibnek jirxoxta għal ħajja*".

**Il-ġudizzju partikulari**

Mal-mewt tagħna jseħħ *il-ġudizzju partikulari*. F'dan il-mument, aħna nidhru quddiem Alla li huwa l-Ħallieq u l-Feddej tagħna, u li huwa wkoll dak li jiġġudikana. Aħna nemmnu li Alla huwa perfett fil-ġustizzja tiegħu, kif ukoll infinit fil-ħniena tiegħu. Il-*Katekiżmu* jfakkarna li "it-Testment il-Ġdid jitkellem dwar il-ġudizzju l-aktar fid-dawl tal-aħħar laqgħa ma' Kristu meta jerġa' jiġi, iżda kemm-il darba jsemmi wkoll l-ħlas li jingħata minnufih wara l-mewt lil kull bniedem skont għemilu u twemminu" (*KKK* 1021). Quddiem Alla li huwa l-Verità fiha nfisha, u li huwa wkoll l-Imħallef, aħna nagħmlu l-aħħar għażla favur Alla jew kontrih. Il-Knisja tfakkarna dwar realtà mill-aktar vera li "kull bniedem ma' mewtu jirċievi fir-ruħ tiegħu li ma tmut qatt, il-ħlas ta' dejjem f'ġudizzju partikulari, fejn ħajtu titqies f'relazzjoni ma' Kristu; u l-ħlas ikun jew purifikazzjoni, jew dħul minnufih fl-hena tas-sema, jew dannazzjoni minnufih għal dejjem" (*KKK* 1022). B'dan nifhmu, li mal-ġudizzju partikulari sseħħ waħda minn tliet possibbiltajiet: (a) ir-ruħ tkun teħtieġ il-purifikazzjoni fil-purgatorju, biex titħejja għall-Ġenna, jew (b) ir-ruħ tidħol minnufih fit-tgawdija tal-ġenna għal dejjem, jew (ċ) diżgrazzjatament, ir-ruħ li tibqa' tgħid le lil Alla, tgħaddi minnufih fl-istat tat-tbatija dejjiema li hu l-infern.

L-Ittra lil-Lhud titkellem ċar u tond dwar il-ġudizzju partikulari tagħna li jseħħ mal-mewt: "U kif hu miktub għall-bnedmin li għandhom imutu darba biss, *u wara dan isir il-ġudizzju* ... (Lh 9:27). Il-mument tal-laqgħa tagħna wiċċ imb wiċċ mal-Mulej nifhmuh bħala esperjenza kollha dija fejn naraw lilna nfusna bl-aktar mod trasparenti, bl-għemejjel u l-għażliet li nkunu għamilna matul ħajjitna. Xi ħadd, f'kitba anonima, imma li tagħmel ħafna sens, fil-fatt, jiddeskrivi l-mument tal-ġudizzju partikulari bħala "*that blazing moment of awareness immediately following death*".

Id-dokument tal-Kummissjoni Teoloġika Internazzjonali dwar l-Eskatoloġija (1992), għalhekk jitħaddet dwar is-serjetà tal-eżistenza

umana tagħna: id-deċiżjonijiet li nieħdu issa, matul ħajjitna, għandhom konsegwenzi importanti ħafna, anzi, konsegwenzi eterni (sezzjoni 10). Matul il-ħajja tagħna fuq din l-art, Alla jsawwab fuqna ħafna doni, fosthom ir-rigal tal-ħbiberija divina mogħtija lilna bl-aktar mod gratuwitu. Aħna kontinwament għandna niftakru li qegħdin fil-libertà li nilqgħu dan id-don, jew diżgrazzjatament, li niċħduh. Għalhekk nifhmu li fil-mument tal-ġudizzju partikulari, toħroġ il-verità kollha dwar il-persuna – jekk tassew kinitx ma' Alla, jew le. Dak il-mument solenni nistgħu nqisuh bħala l-opzjoni (għażla) fundamentali u definittiva *għal* Alla jew *kontra* Alla.

Kif għandna nifhmu l-ġudizzju partikulari? ... jew il-konferma tal-għażliet kollha li nkunu għamilna matul ħajjitna? L-individwu, f'dak il-mument, ikun jaf lilu nnifsu kif tassew hu, mingħajr l-ebda dell ta' dubju rigward it-tifsira vera ta' ħajtu. Ir-ruħ tagħmel l-esperjenza ta' Alla li huwa libertà infinita, ħniena infinita u ġustizzja infinita. Meta tiltaqa' ma' Ħallieq bħal dan, il-kuxjenza ma tistax ma tikkonfermax il-ġustizzja tas-sentenza mogħtija minn Alla. James O'Connor, fil-ktieb tiegħu *Land of the Living: A Theology of the Last Things* (1992), jistqarr hekk: "*For those who die in mortal sin, estranged from God, it will be a confirmation of the horror of death itself. For others it will be the very beginning of their victory over the death they have just experienced*".

Kull bniedem huwa mogħni bil-libertà li tah Alla l-Imbierek. San Pawl saħansitra jitkellem dwar "il-ħelsien ta' wlied Alla" (Rum 8:21). Fil-mument tal-ġudizzju partikulari tagħna, aħna se nkunu nistgħu "nkejlu", biex ngħidu hekk, kemm użajna tajjeb id-don tal-libertà li Alla żejjinna bih, jew kemm abbużajna minn dan id-don. Il-Knisja tfakkarna bl-aktar manjiera ċara li "l-Iben ma ġiex biex jagħmel ħaqq, imma biex isalva u biex jagħti l-ħajja li hemm fih. Kull wieħed li rrifjuta l-grazzja ta' din il-ħajja li hi fi Kristu, jagħmel hu stess ħaqq minnu nnifsu u jieħu skont għemilu; jista' għalhekk jibgħat lilu nnifsu għall-kundanna ta' dejjem għax iċċaħħad mill-ispirtu tal-imħabba" (*KKK* 679). Kif nistgħu nifhmu, din il-laqgħa hija laqgħa mal-Mulej, u quddiem il-verità kollha dija tal-Missier, kif rivelata lilna fl-Iben, ir-ruħ tidħol f'dak l-istat li bil-libertà li kellha f'din l-art, kienet qegħda tagħżel u tiddetermina, jum wara l-ieħor.

Il-Maġisteru tal-Knisja Kattolika spiss fakkar li mal-mewt tagħna, ma nistgħux nagħmlu għażliet ulterjuri fir-rigward tar-relazzjoni ta' Alla. Fil-ġudizzju partikulari, meta nidħru quddiem l-Imħallef Divin, aħna se nikkonfermaw dak li ilna nagħżlu fuq l-art. Barra minn hekk, nafu wkoll fuq xiex se nkunu ġġudikati. Il-karta bil-mistoqsijiet tal-eżami finali digà nafuha minn issa, meta Ġesù qalilna: "Kont bil-ġuħ u tmajtuni, kont bil-għatx u sqejtuni, kont barrani u lqajtuni, kont għeri u libbistuni, kont marid u ġejtu tarawni, kont fil-ħabs u ġejtu żżuruni" (Matt 25:35-36). Wara l-mewt tagħna ma nkunux aktar f'pożizzjoni li nilqgħu jew nirrifjutaw il-grazzja ta' Alla. Fil-fatt, fil-punt tal-mewt tagħna, aħna nkunu dak li l-grazzja ta' Alla u t-tweġiba tagħna għaliha tkun għamlitna. Dwar il-konsegwenzi tal-ġudizzju partikulari, digà tkellimna fil-qosor, u jkollna ċans nidħlu f'aktar dettall fit-taqsimiet li ġejjin.

Fl-Udjenza Ġenerali tas-7 ta' Lulju 1999, il-Papa Ġwanni Pawlu II kien fisser tajjeb li l-ġustizzja ta' Alla ġejja mill-inizjattiva gratuwita u kollha ħniena tiegħu, u li permezz tagħha huwa ntrabat mal-poplu tiegħu f'patt li ma jintemmx. Ġwanni Pawlu II jfakkarna li Alla se jeżerċita l-ġustizzja fuq kulħadd, fejn ir-rebħa tal-ġust issir biża' u stagħġib għall-ħażin. Iwissina wkoll li anke dawk li jistennew ġudizzju favorevoli għandhom ikunu konxji mil-limitazzjonijiet tagħhom. Huwa impossibbli li nkunu ġusti mingħajr il-grazzja ta' Alla. Fit-Testment il-Ġdid, il-ġudizzju divin huwa marbut mal-fidwa li ġabilna Ġesù Kristu. Huma biss dawk, jgħallimna l-qaddis Pollakk, li ċaħdu l-fidwa mogħtija lilna minn Alla fil-ħniena tiegħu bla qies li jkunu kkundannati, għaliex, fl-aħħar mill-aħħar, ikunu kkundannaw lilhom infushom. Il-ġudizzju u l-ħniena huma ż-żewġ dimensjonijiet tal-istess misteru tal-imħabba ta' Alla. L-imħabba għandha dejjem issir il-virtù fundamentali għal min jemmen, u timbuttana biex ikollna tama fil-jum tal-ġudizzju partikulari tagħna.

Il-Papa Benedittu XVI, fl-Enċiklika tiegħu dwar it-tama, *Spe Salvi* (30 ta' Novembru 2007) jitkellem dwar il-ġudizzju bħala mezz ta' tagħlim u ta' taħrig tat-tama. Jgħallimna li "il-prospett tal-ġudizzju, sa miż-żminijiet l-aktar bikrija, influwenzat lill-Insara sa fil-ħajja tagħhom ta' kuljum bħala kejl biex fuqu timxi l-ħajja ta' issa, bħala sejħa lill-

kuxjenza tagħhom, u fl-istess waqt, bħala tama fil-ġustizzja ta' Alla" (para. 41). Dan jorbot tajjeb ħafna ma' dak li għidna aktar 'il fuq meta għidna li l-għażliet li nagħmlu llum se jkollhom konsegwenzi eterni. Dan ifakkarna fir-responsabbiltà tagħna biex nużaw tajjeb id-doni li Alla jagħtina, u mhux narmuhom.

Il-Papa Benedittu XVI ikompli jgħallem li l-ġustizzja ta' Alla hi fl-istess waqt grazzja wkoll: "it-tnejn – ġustizzja u grazzja – għandna narawhom fir-rabta ġewwiena tagħhom. Il-grazzja ma twarrabx il-ġustizzja" (*Spe Salvi*, 44). Huwa impressjonanti kif il-Papa Tedesk jinkludi bħala parti mill-Maġisteru Petrin li eżerċita l-opinjoni soda ta' xi teoloġi kontemporanji dwar il-ġudizzju partikulari. Huwa jgħid: "Xi teoloġi ta' daż-żmien huma tal-opinjoni li n-nar li jaħraq u fl-istess ħin isalva huwa Kristu nnifsu, l-Imħallef u s-Salvatur. Il-laqgħa miegħu hija att deċiżiv tal-ġudizzju. Quddiem ħarstu tiġi fix-xejn kull ħaġa falza. Hija l-laqgħa miegħu li, hi u taħraqna, tbiddilna u teħlisna biex tagħmilna tabilħaqq aħna nfusna" (*Spe Salvi*, 47). Dwar dan is-suġġett, nerġgħu nitkellmu f'rabta mat-teoloġija tal-purgatorju. Se nagħmlu dan minnufih.

## Il-Purgatorju

Il-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* jittratta dan is-suġġett b'mod pjuttost konċiż fi tliet paragrafi biss (1030-1032). Meta aħna nitkellmu dwar il-purgatorju nkunu qed nirreferu għal "dawk li jmutu fil-grazzja u l-ħbiberija ta' Alla, iżda mhux safja għalkollox, minkejja li żguri mis-salvazzjoni ta' dejjem tagħhom, (u li) wara mewthom iġarrbu purifikazzjoni, biex jiksbu l-qdusija meħtieġa ħa jidħlu fl-hena tas-sema" (*KKK* 1030). Mela, għalkemm dawn l-erwieħ għandhom l-assigurazzjoni li kisbu s-salvazzjoni eterna, huma jkunu jeħtieġu proċess ta' purifikazzjoni li huma jġarrbu fl-istat li aħna nirreferu għalih bħala l-*purgatorju*. Dan l-istat huwa għal kollox differenti mill-kastig tal-infern. Il-Maġisteru tal-Knisja Kattolika saħaq dwar dan kemm-il darba, bħal fil-Konċilji ta' Firenze u ta' Trentu. Fid-dokumenti tal-Maġisteru, spiss insibu riferiment għal ċerti siltiet tal-Iskrittura li jitkellmu dwar "nar li jnaddaf" (ara 1 Kor 3:15 u 1 Pt 1:7).

Il-*Katekiżmu* jgħallimna li d-duttrina dwar il-purgatorju hija magħġuna mal-prattika tat-talb għall-mejtin. L-aktar referenza bikrija tmur lura għat-Testment il-Qadim, u hija dik li tirrakkonta dwar meta Ġuda Makkabew għamel ġabra biex setgħet issir offerta fit-Tempju bħala tpattija għad-dnubiet tas-suldati li mietu fil-battalja (ara 2 Makk 12:45). Din saret użanza komuni ħafna fil-Knisja matul is-sekli, jiġifieri l-prattika kostanti u universali ta' talb, penitenza u ta' għoti ta' karità mill-Insara bħala suffraġju għall-mejtin.

X'qalu t-teoloġi tas-seklu għoxrin dwar il-purgatorju? It-teologu Dumnikan u għalliem għal aktar minn ħamsin sena fl-Università tal-Angelicum f'Ruma, Reginald Garrigou-Lagrange (1877-1964) jistqarr li d-duttrina kollha dwar il-purgatorju tisħaq dwar il-qdusija u l-maestà ta' Alla, peress li xejn li huwa maħmuġ jew imdennes ma jista' jibqa' quddiemu. Dan it-teologu jgħid li d-duttrina tal-purgatorju ssaħħaħ fina s-sens tal-ġustizzja, u juri d-diżordni, spiss li ma jidhirx, li joħolqu d-dnubiet venjali. Romano Guardini (1885-1968) jikteb li l-erwieħ tal-purgatorju mhumiex erwieħ li bħal donnhom "weħlu" fil-punt ta' mewthom fi stat ambigwu, li la huwa stat ta' perfezzjoni u lanqas mhu stat ta' dannazzjoni. Minflok, jgħallem dan it-teologu Tedesk, qegħdin nitkellmu minn erwieħ li l-intenzjoni tajba tagħhom f'xi aspetti kienet għadha ma ppenetratx biżżejjed il-qoxra ta' barra biex teqred xi reżistenzi żgħar li kien hemm aktar 'il ġewwa.

Fi ktieb dwar l-eskatoloġija, *Eschatologie – Tod und ewiges Leben* (1977), Joseph Ratzinger jikteb li l-purgatorju mhuwiex xi tip ta' kamp ta' konċentrament li jeżisti lil hinn mid-dinja, u li fejn il-bniedem huwa sfurzat li jbaxxi rasu għal xi kastigi biex jagħmel riparazzjoni. Ratzinger jispjega tant tajjeb li l-purgatorju huwa dak il-proċess neċessarju ta' trasformazzjoni fejn il-bniedem isir kapaċi li jilqa' lil Kristu, kapaċi li jilqa' lil Alla, u għalhekk, kapaċi li jingħaqad max-xirka kollha tal-qaddisin. Meta nitkellmu dwar dan l-istat tal-purgatorju, irridu dejjem inżommu quddiem għajnejna l-infinità tal-ħniena ta' Alla li hi bla qies. Il-ġustizzja perfetta ta' Alla tittaffa bil-ħniena infinita li huwa juri lill-midneb li huwa niedem. Ratzinger ifisser li, iva, il-bniedem tassew jilqa' l-ħniena ta' Alla, imma dan ma jneħħilux il-ħtieġa li jkun trasformat. Il-laqgħa mal-Mulej *hija* din it-trasformazzjoni.

Dan it-tagħlim, erġajna ltqajna miegħu fil-Maġisteru Petrin, tletin snin wara, meta Ratzinger, bħala l-Papa Benedittu XVI, kiteb dwar l-istess suġġett fl-enċiklika tiegħu *Spe Salvi*. Fil-fatt, huwa jelabora fuq dak li għidna qabel meta f'dan id-dokument tal-Maġisteru huwa jgħid: "Hija l-laqgħa miegħu li, hi u taħraqna, tbiddilna u teħlisna biex tagħmilna tabilħaqq aħna nfusna. Dak li bnejna f'ħajjitna jista' mbagħad jidher tiben niexef, riħ jonfoħ, u kollox jaqa'. Iżda fin-niket ta' din il-laqgħa, li fiha l-imniġġes u l-ħażin ta' kewnna jidhru ċari quddiemna, tinsab is-salvazzjoni. Il-ħarsa tiegħu (jiġifieri tal-Mulej), il-mess ta' qalbu jfejjaqna permezz ta' bidla tabilħaqq ta' wġigħ 'bħallikieku bin-nar'. B'danakollu, huwa wġigħ hieni, li fih is-setgħa qaddisa ta' mħabbtu tinfidna bħal fjamma, u fl-aħħar tħallina nkunu għalkollox aħna nfusna u b'hekk insiru kollna ta' Alla. B'dan il-mod tidher ukoll ir-rabta bejn il-ġustizzja u l-grazzja: il-mod kif ngħixu mhuwiex irrilevanti, iżda l-ħmieġ tagħna ma jtebbagħniex għal dejjem, jekk għallanqas nibqgħu mxaqilbin lejn Kristu, lejn il-verità u lejn l-imħabba ... In-niket tal-imħabba jsir is-salvazzjoni u l-ferħ tagħna. Hi ħaġa ċara li d-'dewmien' tal-ħruq li jbiddel ma nistgħux inqisuh kif inkejlu l-ħin f'din id-dinja. Il-'waqt' li jbiddel ta' din il-laqgħa ma joqgħodx għall-kejl tal-ħin tad-dinja – huwa ħin tal-qalb, ħin tal-'passaġġ' lejn l-għaqda ma' Alla fil-Ġisem ta' Kristu" (*Spe Salvi*, 47).

Wieħed ta' min jinnota li meta nitkellmu fuq il-ħajja ta' dejjem (purgatorju, ġenna, infern) la nistgħu nitħaddtu dwar *post* (għax il-ħajja wara din il-ħajja fuq l-art hija lil hinn minn kull spazju), u lanqas dwar *żmien* (għax inkunu dħalna f'dimensjoni differenti, l-eternità). Ngħiduha kif inhi li mhux faċli nitkellmu u nifhmu l-istat tal-ħajja ta' dejjem, peress li moħħna huwa kkundizzjonat miż-żmien (il-ħin) u l-ispazju – għax dawn huma parti integrali mill-esperjenza preżenti tagħna. Minflok *żmien ta' purifikazzjoni*, Benedettu XVI juża l-kelma "dewmien", u ftit wara, juża l-kelma "waqt". It-teologu magħruf Malti, il-Ġiżwita Patri Maurice Eminyan (1922-2010) kien iħobb jispjega l-purgatorju billi minflok id-dimensjoni ta' żmien kien jitkellem dwar *l-intensità tal-imħabba ta' Alla li ssaffi dak li jeħtieġ it-tisfija fir-ruħ tagħna.*

L-iskop ta' dan l-artiklu mhuwiex li nagħti l-istorja tal-iżvilupp tar-riflessjoni teoloġika dwar il-purgatorju sa minn żminijiet bikrija.

Kemm is-Santi Padri u l-awturi tal-perjodu patristiku (l-aktar, Klement ta' Lixandra, Oriġene, Tertulljanu, San Ċiprijanu ta' Kartaġni, Sant'Ambroġ, Santu Wistin, San Girgor ta' Nissa u San Ċesarju ta' Arles), kif ukoll ħassieba medjevali (l-aktar Hildebert de Lavardin, Pierre le Mangeur, San Tumas d'Akwinu u San Bonaventura) fissru l-ideat tagħhom dwar il-purgatorju. Kien hemm min tkellem dwar *edukazzjoni għall-ġenna*, jew *nar li jsaffi*, jew *passaġġ minn xmara ta' nar*. Huwa ċar li bosta minnhom ħadu kliem San Pawl u applikawh – mhux mingħajr ftit tiġbid – għal din il-verità tal-fidi. L-Appostlu jikteb: "ix-xogħol ta' kulħadd għad jidher; il-Jum għad jurih u n-nar għad jikxfu u jipprova x'jiswa x-xogħol ta' kull wieħed ...; jekk il-bini jinħaraq, ħlasu jitilfu; iżda huwa jsalva, imma jkun għadda minn ġon-nar" (1 Kor 3:13.15). L-importanti hu li nagħmlu enfasi fuq il-preżenza ta' Alla li hija preżenza li tippurifika.

Kien hemm ċerti mistiċi miż-Żminijiet tan-Nofs u dawk li ġew wara – bħal Santa Katarina ta' Ġenova, Santa Tereża ta' Avila u San Franġisk de Sales – li interpretaw it-tbatijiet tal-purgatorju bħala xenqa qawwija tar-ruħ għal Alla. Katarina ta' Ġenova, fit-*Trattat dwar il-Purgatorju*, tgħid li l-erwieħ tal-purgatorju jgħaqqdu ferħ kbir ma' tbatija kbira. Aspett ma jnaqqasx lill-ieħor. L-unika paċi li magħha nistgħu nqabblu dik li jħossu l-erwieħ tal-purgatorju hija l-paċi li jħossu l-erwieħ fil-ġenna.

Il-Maġisteru tal-Knisja kemm-il darba ppronunzja ruħu dwar il-purgatorju. Insemmi xi eżempji:

+ L-Ittra *Sub Catholicae professione* tal-Papa Innoċenz IV lil Eudes ta' Châteauroux, il-Legat tiegħu lill-Griegi (6 ta' Marzu 1254), fejn jisħaq li l-Insara tal-Lvant għandhom jużaw il-kelma *purgatorju* meta jirreferu għall-istat tat-tisfija wara l-mewt;

+ Il-Professjoni tal-Fidi mħejjija għall-Imperatur Mikiel Palaeologus ta' Kostantinopli, fil-kuntest tat-Tieni Konċilju ta' Lione (1274): "l-erwieħ ta' dawk li jmutu fl-imħabba ... huma mnaddfin wara l-mewt permezz ta' pieni purgatorjali u purifikanti ... u li biex dawn il-pieni jittaffew isiru atti ta' interċessjoni (*suffragia*) mill-ħajjin, l-aktar is-sagrifiċċju tal-Quddiesa, talb, karità u għemejjel oħra ta' ħniena";

+ Id-Digriet għall-Griegi fil-Konċilju ta' Firenze (6 ta' Lulju 1439);

+ *Digriet dwar il-Purgatorju*, waqt il-XXV Sessjoni tal-Konċilju ta' Trentu (1563) minħabba li r-Riformaturi Protestanti kienu qed jiċħdu l-eżistenza tal-purgatorju. Il-Konċilju, mill-ġdid, jafferma l-eżistenza tal-purgatorju, u l-effikaċja tat-talb għall-mejtin;

+ Il-Kapitlu VII tal-Kostituzzjoni Dommatika dwar il-Knisja tal-Konċilju Vatikan II, *Lumen Gentium* (21 ta' Novembru 1964), jitkellem dwar il-karattru eskatoloġiku tal-Knisja. Fil-paragrafu 49, meta nsibu riferiment għall-istati differenti li jinsabu fihom id-dixxipli ta' Kristu, jissemmew dawk li mietu u qed jiġu purifikati;

+ Il-Papa Pawlu VI, kemm f'dokument dwar id-duttrina tal-Indulġenzi (1967), kif ukoll fil-Kredu li ppubblika (fl-1968) fl-okkażjoni tas-Sena tal-Fidi jsemmi l-ħtieġa tal-espjazzjoni permezz tal-purgatorju;

+ Id-dokument li semmejna aktar 'il fuq tal-1992 tal-Kummissjoni Teoloġika Internazzjonali dwar l-Eskatoloġija, fit-tmien taqsima, jitkellem dwar il-Purgatorju, meta jgħid li t-tbajja' tad-dnub huma ostaklu għal-laqgħa intima tagħna mal-Mulej. Ir-riferiment mhuwiex biss għal dnubiet gravi, imma wkoll għad-dnubiet venjali, kif ukoll dawk il-fdalijiet tad-dnub li jistgħu jippersistu fil-persuni ġġustifikati meta l-ħtija tkun maħfura. F'dan il-kuntest, id-dokument jitkellem dwar il-ħtieġa li r-ruħ tkun ippurifikata qabel ma tgawdi l-glorja tal-ġenna. It-test jisħaq dwar id-differenza kategorika bejn il-proċess tal-purifikazzjoni fil-purgatorju u l-kastig etern tal-infern. Filwaqt li fiċ-ċentru tal-infern hemm il-mibegħda, fiċ-ċentru tal-purgatorju hemm l-imħabba. Dawk li huma ġġustifikati, imma li jinsabu fil-purgatorju, huma ħajjin fl-imħabba ta' Kristu... Meta hemm "dewmien" f'li wieħed jiltaqa' ma' dak li jħobb, ikun hemm in-niket, niket li jsaffi.

Huwa interessanti wkoll li nagħtu daqqa t'għajn lejn dak li għallem il-Papa Ġwanni Pawlu II dwar il-purgatorju fl-Udjenza Ġenerali tal-4 ta' Awwissu 1999. Huwa kien qal li għal dawk li huma miftuħin għal Alla, imma li għadhom fi stat imperfett, il-vjaġġ lejn il-beatitudni sħiħa teħtieġ il-purifikazzjoni li l-fidi tal-Knisja tiddeskriviha permezz tad-duttrina dwar il-purgatorju. Dan mhuwiex post imma stat ta' eżistenza fejn nitnaddfu minn kull tebgħa permezz tal-laqgħa tagħna ma' Alla li teħtieġ safa assolut. Huwa jkompli jispjega li kull traċċa ta' ħażen trid tkun eliminata, u kull imperfezzjoni tar-ruħ ikkoreġġuta. Hija l-imħabba

ta' Kristu li tnaddaf dawk il-fdalijiet ta' imperfezzjoni fir-ruħ. Ġwanni Pawlu II, hawnhekk, jitkellem ukoll dwar id-dimensjoni tal-komunjoni meta jgħid li dawk li qed iġarrbu l-purgatorju huma f'għaqda kemm mal-imberkin li jinsabu fil-ġenna, kif ukoll magħna li għadna fil-mixja lejn dar il-Missier. Id-dmir tagħna huwa li nuru solidarjetà ekkleżjali mal-erwieħ tal-purgatorju permezz tat-talb personali, suffraġji oħra, karità lill-foqra u azzjonjiet ta' mħabba awtentika.

## Il-Ġenna

Kull wieħed u waħda minna huwa msejjaħ biex jixxennaq għal dar il-Missier. Ġesù stess, awl il-Passjoni tiegħu, qal lill-appostli tiegħu: "Fid-dar ta' Missieri hemm ħafna postijiet; li ma kienx hekk, kont ngħidilkom. Sejjer inħejjilkom fejn toqogħdu. U meta mmur u nħejjilkom post, nerġa' niġi biex neħodkom miegħi biex, fejn inkun jien, tkunu intom ukoll" (Ġw 14:2-3). Joseph Ratzinger, fil-ktieb tiegħu dwar l-eskatoloġija li semmejna qabel, jistqarr li bil-kelma *ġenna* t-Tradizzjoni Nisranija fissret dik it-temmija definittiva tal-eżistenza umana li sseħħ permezz tal-imħabba perfetta li nippruvaw inpoġġu fil-prattika fl-għemejjel ta' kuljum. Spiss nitkellmu dwar ix-xewqa tal-ġenna, dik ix-xenqa qawwija għal Alla u l-preżenza tiegħu, li tfisser li ngħixu l-eternità f'komunjoni mat-Trinità Qaddisa. Fil-ktieb li semmejna, Ratzinger jgħid li l-ġenna mhix xi post lil hinn mill-kwiekeb, imma realtà ferm u ferm akbar, u li m'għandniex kliem adegwat biex nesprimuha. Alla ħejjielna stat biex ingawduh għall-eternità.

Insibu sintesi tat-tagħlim tal-Knisja Kattolika dwar il-ġenna fil-paragrafi 1023 sa 1029 tal-*Katekiżmu*. Din is-sintesi tfakkarna dwar verità li nafuha lkoll, imma li forsi jeħtieġ li napprezzawha aktar: "Dawk li jmutu fil-grazzja u l-ħbiberija ma' Alla, u li huma safja perfettament, jgħixu għal dejjem ma' Kristu. Huma għal dejjem f'xebh ma' Alla għax jarawh 'kif inhu' (1 Ġw 3:2), wiċċ imb wiċċ (ara 1 Kor 13:12; Apok 22:4)" (*KKK* 1023). Il-ġenna hija ħajja perfetta u xirka dejjiema mat-Trinità qaddisa, mal-Verġni Marija, mal-anġli u mal-qaddisin. Għalkemm hemm diversi xbihat tal-ġenna, kemm fl-Evanġelju kif ukoll fit-Tradizzjoni Nisranija (bħal ikla, festa ta' tieġ, inbid tas-saltna, Ġerusalemm tas-sema), il-moħħ limitat tagħna li jaf biss ir-realtà tagħna

fuq din l-art jista' biss jispekula fuq il-verità tal-ġenna u x'inhi. Żgur li dak li għad ngħixu fil-ġenna huwa bil-wisq aktar minn dak li qatt nistgħu nimmaġinaw (*totaliter aliter*) bil-moħħ ċkejken tagħna. Fil-fatt, il-*Katekiżmu* jgħid hekk: "Il-misteru tal-għaqda hienja tagħna ma' Alla u ma' dawk kollha li huma fi Kristu jisboq kulma l-moħħ jista' jifhem u jiddeskrivi" (*KKK* 1027). San Pawl juża kliem li permezz tagħhom huwa jpinġi x'għad tkun l-esperjenza tagħna fil-ġenna: "Dak li għajn qatt ma rat u widna qatt ma semgħet, u dak li qatt ma tnissel f'qalb il-bniedem, dak li Alla lesta għal dawk li jħobbuh" (1 Kor 2:9).

Snin qabel ma ġie magħżul biex ikun Papa, Joseph Ratzinger jitkellem dwar il-ġenna billi juża espressjonijiet bħal dawn: Alla jimla totalment il-persuna sħiħa bis-sħuħija tiegħu (*God totally permeates the whole person with his plenitude*) ... Alla huwa 'kollox f'kulħadd' ... Il-ġenna hija dik is-soċjetà miftuħa tax-xirka tal-qaddisin, u b'dan il-mod, hija t-twettiq sħiħ ta' kull komunjoni umana li nistgħu ngħixu fuq l-art. Teologu kbir ieħor tas-seklu għoxrin, Henri de Lubac (1896-1991), jitkellem dwar il-ġenna fil-ktieb tiegħu *Le mystère du surnaturel* (1965). Jirrifletti dwar dak li kien qal, sekli qabel, Santu Wistin li stqarr li *there is a God-shaped vacuum in every man that only Christ can fill.* Dwar dak l-ispazju li Alla biss jista' jimla – u li diġà għandna esperjenza tiegħu f'din l-art meta nilqgħu l-grazzja ta' Alla li taħdem fina, u li jilħaq il-milja tiegħu fil-ġenna – de Lubac jispjega li huwa għalhekk li dawk li jiċħdu lil Alla b'mod espliċitu jbatu l-piena tat-telfien (*the pain of loss*). De Lubac jistqarr li jekk Alla huwa daqshekk tajjeb u daqshekk ġust, Alla ma jasal qatt li jiffrustrani, sakemm jien, bi żball intenzjonali tiegħi – għax irrid jien – indawwar wiċċi f'direzzjoni oħra b'għażla espliċita tiegħi. Ir-rieda ta' Alla hija li nkun miegħu u narah għal dejjem. Din hija l-ġenna.

Fl-Udjenza Ġenerali tal-21 ta' Lulju 1999, il-Papa Ġwanni Pawlu tkellem dwar il-ġenna u ddeskriviha bħala s-sħuħija (*pienezza, fullness*) tal-komunjoni ma' Alla. Ir-rivelazzjoni, tfakkarna, tgħallem li l-ġenna mhix xi astrazzjoni tal-moħħ jew xi post fis-sħab, imma relazzjoni ħajja u personali ta' unjoni mat-Trinità Qaddisa. Fi tmiem il-mixja tagħna fuq l-art, is-sehem tagħna fl-intimità sħiħa mal-Missier iseħħ permezz tal-inseriment tagħna fil-Misteru tal-Għid ta' Kristu. Ġwanni Pawlu II

jammetti li rridu noqogħdu lura minn kif niddeskrivu r-realtà tal-ġenna, għax kull deskrizzjoni li nistgħu nagħtu tibqa' dejjem insodisfaċenti. Il-Papa Benedittu XVI jgħid li aħna ma nistgħux "nimmeritaw" il-ġenna bl-għemejjel tagħna. Il-ġenna hija dejjem aktar minn dak li nimmeritaw, l-istess bħal meta aħna nkunu maħbubin minn xi ħadd: din li nkunu maħbubin qatt ma hi ħaġa meritata, iżda hija dejjem don.

Il-Papa Franġisku tkellem f'żewġ okkażjonjiet dwar il-premju tal-qawmien għall-ħajja, meta l-ġisem mejjet tagħna jkun trasfigurat f'ġisem glorjuż fil-ġenna: fl-Udjenza Ġenerali tal-Erbgħa, 4 ta' Diċembru 2013, u fid-diskors tal-Angelus tas-6 ta' April 2014. Bi kliem ċar u dirett, il-Papa Franġisku jitkellem dwar verità teoloġika kbira li aħna nemmnu: il-qawmien mill-imwiet tal-ġisem tagħna li jingħaqad mar-ruħ, biex il-ġisem glorjuż tagħna wkoll igawdi l-glorja tal-ġenna. Dan nitolbuh fit-Tielet Talba Ewkaristika, meta s-saċerdot jgħid: "Ftakar fil-qaddej tiegħek N., li għoġbok issejjaħlu għal għandek minn din id-dinja: agħmel li, kif hu, bil-magħmudija, miet f'Ibnek u bħal Ibnek, hekk ukoll f'Ibnek u bħal Ibnek, jirxoxta għall-ħajja, *meta Kristu jqajjem il-mejtin fil-ġisem mill-art, u jbiddel il-ġisem imsejken tagħna fis-sura tal-ġisem glorjuż tiegħu*".

## L-Infern

Aspett ieħor tat-tagħlim tal-Knisja dwar il-ħajja ta' dejjem huwa dak dwar l-infern. Huwa s-suġġett li forsi ħafna ma jkunux jixtiequ jitkellmu dwaru. Però, anke jekk huwa suġġett li ma jogħġobx lil ħafna, madankollu xorta waħda huwa aspett li ma nistgħux inħalluh barra. Fl-istorja twila tagħha, il-Knisja qatt ma ċaħdet l-eżistenza tal-infern, jew l-eternità tat-turmenti li qegħdin iġarrbu dawk li għażlu minn jeddhom li jmorru hemm.

Ġesù kemm-il darba jsemmi l-possibbiltà ta' kastig etern għal min konxjament ma jilqax l-istedina tiegħu għall-imħabba. Dan jagħmlu f'għadd ta' parabboli (meta juża xbihat bħal dlam, biki u tgħeżżiż ta' snien), kif ukoll f'diskorsi oħra. Meta jitkellem dwar il-Ġudizzju tal-aħħar f'Mattew 25, huwa jgħid lil dawk li jkunu fuq ix-xellug (għax ma tawx kas tal-ħtiġiet ta' dawk li huma bil-ġuħ, bl-għatx, morda, għerja jew fil-ħabs): "Morru minn quddiemi, misħutin, fin-nar ta' dejjem li

tħejja għax-xitan u għall-anġli tiegħu" (Matt 25:41). Fil-konklużjoni tal-parabbola tal-għalqa fejn kibret is-sikrana flimkien mal-qamħ, Ġesù jgħid: "Bin il-bniedem jibgħat l-anġli tiegħu, u huma jiġbru barra mis-Saltna tiegħu kulma jġib it-tfixkil u kull min jagħmel il-ħażen, u jixħtuhom fil-ħuġġieġa tan-nar; hemmhekk ikun hemm il-biki u t-tgħeżżiż tas-snien" (Matt 13:41-42).

Il-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* jagħtina ġabra tat-tagħlim dwar l-infern f'ħames paragrafi (1033 sa 1037). Insibu definizzjoni tal-infern, bħalma qabel rajna definizzjonijiet tal-purgatorju u tal-ġenna. Naqraw hekk: "Il-mewt bid-dnub il-mejjet ta' wieħed li ma nidimx u ma laqax l-imħabba kollha ħniena ta' Alla, tfisser li dan se jibqa' mifrud minn Alla b'għażla ħielsa tiegħu. Hu dan l-istat ta' min minn rajh jaqta' lilu nnifsu darba għal dejjem mill-għaqda ma' Alla u mal-beati, li nsejħu *infern*" (*KKK* 1033).

Mal-mixja tas-sekli, kien hemm diversi dokumenti tal-Maġisteru tal-Knisja Kattolika li fakkru lill-imgħammdin dwar l-eżistenza tal-infern u tal-eternità tiegħu. Fost dawn, insemmu:

+ Is-Simbolu tal-Fidi msejjaħ *Quicumque* (li fl-imgħoddi kienu jattribwuh lil Sant'Atanasju). F'dan il-kredu nsibu stqarrija ċara dwar il-qawmien tal-ġisem fl-aħħar jum, u li kulħadd jirċievi dak li jkun ħaqqu: il-ġisem tat-tajbin iqum għall-glorja, waqt li ġisem dawk li għamlu l-ħażin imur fin-nar etern;

+ Il-Konċilju Provinċjali ta' Kostantinopli tas-sena 543 ikkundanna l-iżbalji tal-Oriġenisti li kienu qed ixerrdu tagħlim li jgħid li l-kastig tal-infern kien biss wieħed temporanju, u li fl-aħħar mill-aħħar, anke x-xjaten se jsalvaw;

+ Għaxar snin wara, fit-Tieni Konċilju Ekumeniku ta' Kostantinopli (553), l-istess kundanna kontra l-Oriġenisti ġiet imtennija, filwaqt li l-Knisja għallmet b'ċertezza l-eżistenza tal-infern.

Ħa niċċaraw l-argument tal-Maġisteru tul is-sekli. Il-Knisja dejjem għallmet dwar l-eżistenza eterna tal-infern, però l-Knisja qatt ma ħassitha awtorizzata li tgħid li persuna partikulari qegħda l-infern. Għalkemm Alla jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw (ara 1 Tim 2:4), il-Knisja ma tistax tgħid b'ċertezza dommatika li kulħadd salva jew se jsalva. Fl-istess ħin, il-Knisja qatt ma stqarret li individwu ntilef għal dejjem, għax ħadd

minna ma jista' qatt ikun ċert dwar il-grazzja li bniedem – hu min hu, jew ħażin f'għajnejna kemm hu ħażin – seta' laqa' fl-aħħar mument ta' ħajtu mingħand Alla.

Hemm bosta dokumenti oħra tal-Maġisteru li jistqarru l-verità dwar il-pieni eterni tal-infern: id-Definizzjoni kontra l-Katari u l-Albiġiżi tal-Konċilju Lateran IV (1215), il-Professjoni tal-Fidi tal-Imperatur Mikiel Palaeologu fit-Tieni Konċilju ta' Lione (1274), il-Kostituzzjoni *Benedictus Deus* (1336) tal-Papa Benedittu XII dwar l-istat ta' ruħ il-bnedmin wara l-mewt, id-*Digriet għall-Ġakobiti* (1442) fil-Konċilju ta' Firenze, id-*Digriet dwar il-Ġustifikazzjoni* (1547) tal-Konċilju ta' Trentu, u l-Professjoni Solenni tal-Fidi (1968) magħmula mill-Papa Pawlu VI fis-Sena tal-Fidi.

L-akbar kastig tal-infern, il-Knisja dejjem għallmet, huwa li l-bniedem ikun mifrud minn Alla għall-eternità. Dan huwa l-akbar uġigħ li jista' jbati l-bniedem li minn jeddu jibqa' jgħid le lil Alla li jrid li kulħadd ikun miegħu għall-ħajja u l-hena ta' dejjem. Dan il-fatt jerġa' jfakkarna f'aspett li semmejna fil-bidu ta' dan l-artiklu, jiġifieri r-responsabbiltà li kull bniedem għandu li juża tajjeb id-don tal-libertà li biha ġie mżejjen minn Alla. Alla ma jrid li l-ebda bniedem ma jmur l-infern. Meta toqgħod taħseb, tirrealizza li huwa prattikament il-bniedem li jostina ruħu u jibqa' jiċħad lil Alla u jagħżel minn jeddu li jmur l-infern. Alla jagħtina kull grazzja u kull possibiltà li nersqu lejh. Huwa jirrispetta l-libertà li tana huwa stess. Issa jekk bniedem, diżgrazzjatament jagħżel li jrid jintilef, Alla jirrispetta wkoll dik il-għażla, filwaqt li jibqa' jagħti kull għajnuna lil dak li jkun biex ma jintilifx: "Alla ma jippredestina lil ħadd għall-infern; biex wieħed jitwaddab l-infern jeħtieġ li minn rajh jitbiegħed għalkollox minn Alla (id-dnub il-mejjet), u jibqa' mbiegħed sal-aħħar" (*KKK* 1037).

Waqt l-Udjenza Ġenerali tat-28 ta' Lulju 1999, il-Papa Ġwanni Pawlu II ddedika l-katekeżi tiegħu għat-tagħlim tal-Knisja dwar l-infern. Huwa qal li Alla huwa infinitament tajjeb u kollu ħniena. Imma l-bniedem, imsejjaħ biex iwieġeb b'libertà lil Alla, jista' sfortunatament jagħżel li jirrifjuta l-imħabba u l-maħfra tiegħu darba għal dejjem, u b'hekk jinfired għal dejjem mill-komunjoni ferrieħa miegħu għal dejjem. Il-Papa Ġwanni Pawlu II jispjega li l-infern mhuwiex kastig impost

esternament minn Alla, imma l-iżvilupp ta' sensiela ta' premessi u għażliet li l-bnedmin jagħmlu f'ħajjithom. L-infern huwa konsegwenza tad-dnub innifsu li jdur kontra l-persuna li għamlu. L-infern huwa l-istat ta' dawk li b'mod definittiv jiċħdu l-ħniena tal-Missier, saħansitra fl-aħħar mument ta' ħajjithom. Id-dannazzjoni eterna m'għandniex nattribwuha lill-inizjattiva ta' Alla għaliex fl-imħabba kollha ħniena tiegħu Alla jrid biss il-fidwa tal-umanità kollha. Fir-realtà, huwa l-individwu li jingħalaq għall-imħabba ta' Alla.

Il-Papa Benedittu XVI, fl-enċiklika tiegħu dwar it-tama, jikteb hekk: "Bil-mewt, l-għażla ta' ħajjet il-bniedem issir definittiva – din ħajtu tidher quddiem l-Imħallef. L-għażla tiegħu, li ssawret tul il-mixja sħiħa ta' ħajtu, jista' jkollha karattri differenti. Jista' jkun hemm nies li qerdu għalkollox fihom infushom ix-xewqa tal-verità u d-disponibbiltà tal-imħabba. Nies li fihom kollox sar gidba; nies li għexu għall-mibegħda u każbru l-imħabba fihom infushom. Din hija prospettiva tal-biża'; iżda xi figuri tal-istess ġrajja tagħna għandhom b'mod allarmanti profili bħal dawn. F'individwi bħal dawn m'hemm xejn aktar li wieħed jista' jsalva u l-qerda tal-ġid issir irrevokabbli: dan hu li turina l-kelma *infern*" (*Spe Salvi*, 45).

## Konklużjoni: Nixxennqu għas-sema pajjiżna

Jidhirli li artiklu bħal dan dwar il-ħajja ta' dejjem għandu jispiċċa b'nota ta' kuraġġ Nisrani, ta' tama fil-ħajja ta' dejjem u ta' mħabba lejn Alla. F'kuntrast nett ma' dak li għadna kemm qrajna dwar l-infern mill-pinna tal-Papa Benedittu XVI, dan l-istess Papa, nifs biss wara s-silta t'hawn fuq, qal dan dwar il-ġenna: "Min-naħa l-oħra jista' jkun hemm nies mill-aktar safja, li ħallew lil Alla jidħol fihom għalkollox u għalhekk huma miftuħin beraħ għall-proxxmu – nies li fihom l-għaqda ma' Alla diġà minn issa qiegħda tmexxi l-kewn sħiħ tagħhom lejn Alla u li l-mixja tagħhom lejn Alla twassal għat-twettiq ta' dak li huma issa" (*Spe Salvi*, 45).

Kemm huwa ta' min jixtarru u japprezzah il-kliem tat-talb għall-moribondi, meħud mill-*Ordni għas-Sagrament tal-Morda*. Meta

n-Nisrani jkun fl-għabex ta' ħajtu, u jkun ftit passi biss 'il bogħod mill-għatba tal-ġudizzju partikulari tiegħu, nitolbu hekk:

"Oħroġ, ruħ Nisranija minn din id-dinja, fl-isem tal-Missier li jista' kollox, li ħalqek, fl-isem ta' Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, li bata u miet għalik, fl-isem tal-Ispirtu s-Santu mogħti lilek. Jilqgħek illum Alla, biex tkun miegħu għal dejjem fis-sliem tal-ġenna u jsieħbek mal-Verġni Mqaddsa Marija, Omm Alla, ma' San Ġużepp u mal-anġli u l-qaddisin kollha tas-sema ... Nerħik fl-idejn twajba tal-Ħallieq tiegħek biex terġa' lura għandu, hu li sawrek mit-trab tal-art. Inti u ħiereġ minn din id-dinja tilqgħek Ommna Marija, flimkien mal-qtajja' tal-anġli u mal-qaddisin kollha ... Jalla tara bis-sliem wiċċ il-Feddej tiegħek".

Jalla, aħna wkoll ikollna l-grazzja li nisimgħu din it-talba li tintalab fuqna. Dan ikun il-preambolu tal-bidu tal-ħajja ta' dejjem għalik u għalija.

* * *

## Excursus dwar "il-Limbu" u t-Traduzzjoni l-ġdida tal-Kredu tal-Appostli bil-Malti

Issa li f'Settembru 2014 ġiet ippubblikata t-traduzzjoni riveduta tal-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* bil-Malti, xtaqt li nagħti xi ftit tagħrif dwar il-Limbu, l-aktar minħabba bidla f'wieħed mill-artikli tal-Kredu tal-Appostli bil-Malti, fejn konna ngħidu dwar Ġesù li "niżel il-limbu". Il-Konferenza Episkopali Maltija, fil-laqgħa plenarja tagħha tal-20 ta' Awwissu 2013, approvat bidla fit-traduzzjoni tal-imsemmi artiklu. Issa dan ġie jaqra "niżel bejn l-imwiet".

Il-limbu li spiss kien jiġi trattat f'xi manwali tal-eskatoloġija qatt ma kien parti mit-tagħlim tal-Maġisteru dwar il-ħajja ta' dejjem. Il-limbu kien biss opinjoni teoloġika dwar stat li kienu jġarrbu t-trabi mhux imgħammdin. B'*limbu* nifhmu xifer jew bordura. Is-sens Nisrani ta' dan l-istat jirreferi jew għal-*limbo patrum* – l-istat li fih kienu l-qaddisin kbar tat-Testment il-Qadim (bħal Abraham, Iżakk, Mosè, Elija, eċċ.) u l-ġusti kollha mill-bidu tal-umanità – jew għal-*limbo puerorum*, fil-każ tat-trabi li mietu qabel il-Magħmudija. Dwar dawn kien hemm bosta teoriji, imma xejn fit-tagħlim uffiċjali tal-Knisja. Ma kien hemm l-ebda

tagħlim li jorbot lin-Nisrani biex jaċċetta u jemmen li kien hemm xi stat li fih ir-ruħ, kemm tal-adulti, kif ukoll tat-trabi, la tgawdi u lanqas ma tbati.

Fl-2006, il-Kummissjoni Teoloġika Internazzjonali temmet l-istudji li kienet imqabbda tagħmel dwar dan is-suġġett, snin qabel, mill-Papa Ġwanni Pawlu II, anke f'rabta mat-teoloġija tad-dnub oriġinali. Fil-fatt, il-Kummissjoni waslet f'punt li tirrakkomanda li l-opinjoni dwar il-limbu, li tispjega d-destin tat-trabi li jmutu qabel ma jitgħammdu, ma tibqax tintuża għax la hi essenzjali u lanqas neċessarja. Fil-fatt, il-limbu qatt ma kien parti mit-tagħlim formali tal-Knisja, u għalhekk seta' jitneħħa mingħajr ma l-fidi tiġi kompromessa. Dan kien qalu anke l-Kardinal Ratzinger saħansitra lura fl-1984 f'intervista lil *The New York Times* meta spjega li "il-limbu qatt ma kien verità definittiva tal-fidi. Il-kunċett tiegħu m'għadx baqagħlu valur pastorali, u personalment naħseb li m'għandniex inkomplu nitkellmu dwaru għaliex kien biss ipotesi teoloġika".

Fid-dawl tad-Dokument tal-Kummissjoni Teoloġika Internazzjonali tal-2007 li jitratta s-salvazzjoni tat-trabi li jmutu qabel il-Magħmudija, huwa ċar li dak li konna nirreferu għalih bħala *limbo puerorum* m'għandux jissemma aktar. Id-dokument tal-Kummissjoni Teoloġika Internazzjonali, *The Hope of Salvation for Infants who die without being baptized*, approvat mill-Papa Benedittu XVI fid-19 ta' Jannar 2007, jgħid li t-teorija dwar il-limbu, elaborata minn għadd ta' teoloġi medjevali, qatt ma kienet parti mid-definizzjonijiet dommatiċi tal-Maġisteru.

Issa, il-poplu tal-gżejjer Maltin spiss jitfixkel meta minn banda jisma' li t-terminu *limbu* m'għadux jintuża u li dik kienet biss opinjoni teoloġika u qatt ma kienet parti mill-Maġisteru. Min-naħa l-oħra, meta l-poplu tagħna juża l-Kredu tal-Appostli (jew "il-qasir") isib lilu nnifsu jistqarr li Ġesù "niżel il-limbu".

Filwaqt li aspetti mil-letteratura Kattolika tul is-sekli ma nnegawx li jibqgħu jitkellmu dwar *limbo patrum*, jiġifieri dak l-istat li kienu fih il-ġusti kollha sakemm seħħet il-fidwa, irrid ngħid li t-terminu Malti *limbu* kien baqa' joħloq konfużjoni f'moħħ il-poplu, għax huwa minnufih jassoċja dan l-istat mat-trabi mhux imgħammda. Biex dan jiġi evitat,

saret bidla fit-traduzzjoni tal-Kredu. Din dehret għall-ewwel darba fil-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* fit-traduzzjoni riveduta tiegħu. Bdiet tintuża l-frażi "niżel bejn l-imwiet".

L-ewwel nett, jekk Ġesù "qam minn bejn l-imwiet", allura aħna nkunu korretti jekk ngħidu – fl-artiklu tal-Kredu li jiġi eżatt qabel dan – li "niżel bejn l-imwiet". Dan huwa wkoll f'konformità ma' dak li huwa propost minn żewġ teoloġi kontemporanji kbar: il-futur Benedittu XVI, meta kien għadu Joseph Ratzinger, fil-ktieb tiegħu *Introduction to Christianity*, fejn jispjega l-istess artiklu in kwistjoni (paġ. 223-230), u Hans Urs von Balthasar, f'*Mysterium Paschale*, fis-sezzjoni "Going to the Dead: Holy Saturday" (paġ. 148-168).

Ngħid ukoll li l-ebda lsien modern ma jittraduċi l-artiklu tal-Kredu *descendit ad inferos* b'xi kelma remotement konnessa mal-limbu. Huwa interessanti li wieħed jistudja t-traduzzjonijiet differenti ta' dan l-artiklu bl-ilsna Ewropej li aħna familjari magħhom. Huwa evidenti li l-kunċett predominanti qatt ma hu tal-limbu, imma huwa ta' *art il-mejtin* (jiġifieri, dik li fil-mitoloġija kienet tissejjaħ *Hades*, jew fil-ħsieb tat-Testment il-Qadim, *Xeol*).

Barra minn dan, hemm ukoll il-forza tal-konswetudni tat-test liturġiku tar-Raba' Talba Ewkaristika li għandu l-approvazzjoni tas-Santa Sede (meta kien ġie approvat il-*Missal Malti* fl-1974). Eżatt wara l-konsagrazzjoni, it-test Latin ta' din it-Talba Ewkaristika (*Messale Romanum*, 1970) jgħid:

"Unde et nos, Domine,
redemptionis nostrae memoriale nunc celebrantes,
mortem Christi
eiusque ***descensum ad inferos*** recolimus,
eiusdem resurrectionem..."

Fil-*Missal Malti*, fir-Raba' Talba Ewkaristika, fl-istess post aħna nitolbu hekk:

"Għalhekk, Mulej,
aħna u niċċelebraw it-tifkira tal-fidwa tagħna,

niftakru fil-mewt ta' Kristu
u fl-*inżul tiegħu fl-imwiet*,
nistqarru l-qawmien tiegħu..."

Issa jekk għal erbgħin sena, aħna tlabna permezz ta' din it-traduzzjoni uffiċjalment approvata, għaliex m'għandhiex tintuża l-istess traduzzjoni fil-Kredu tal-Appostli?

Hemm ukoll it-traduzzjoni tal-Atti tal-Appostli bil-Malti, li tkompli ssaħħaħ l-użu tajjeb tat-traduzzjoni Maltija tat-test liturġiku li għadna kemm semmejna. Fl-Atti 23:6, naqraw hekk: "it-tama fil-qawmien *minn bejn l-imwiet*", waqt li fl-Atti 2:27, insibu: "inti ma titlaqx *fl-imwiet* lil ruħi".

Il-proposta riċerkata fil-fond ġiet studjata mill-Kummissjoni Teoloġika Interdjoċesana ta' Malta u Għawdex, li wkoll ħadet il-parir ta' għadd ta' teoloġi anzjani Maltin li ħadmu kemm f'dawn il-gżejjer kif ukoll barra. Fil-fatt, wara żmien twil ta' riflessjoni, diskussjoni u konsultazzjoni, il-Konferenza Episkopali Maltija approvat li tibda tintuża l-espressjoni "niżel bejn l-imwiet" minflok "niżel il-limbu". Dan issa jevita kull ħjiel ta' ambigwità li kien hemm qabel.

## Biblijografija


Benedittu XVI, Ittra Enċiklika *Spe Salvi* (30 ta' Novembru 2007), Reliġjon u Ħajja 1/185, Malta 2008.

Ratzinger Joseph, *Eschatology. Death and Eternal Life*, Catholic University of America Press, Washington, D.C. 1988.

*Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, Kurja tal-Arċisqof, Malta 2014.

International Theological Commission, *Some Current Questions on Eschatology*, Vatican City 1992.

International Theological Commission, *The Hope of Salvation for Infants who die without being baptized*, Vatican City 2007.